MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Numru 389/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**

**GARY WINGFIELD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GARY WINGFIELD** bin Alfred u l-mejta June nee Patterson, imwieled l-Ingilterra nhar s-sbatax ta' Awissu 1980 u residenti 157, Anne Marie, Flat 2, Triq Sir Luigi Presiosi, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 17914A, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 u l-ewwel ta' Marzu 2002 ikkommetta serq ta' erbgha roti minn karozza tat-tip Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni KAB 861 kif wkoll *gear lever knob* li jammontaw ghal madwar mija hamsa w

sebghin lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-Probation Order imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sebgha ta' Dicembru 2000.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Mejju 2002 esibit fl-atti markat bhala dokument JM sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat sabiex din il-kawza tigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2004 [fol 68] ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sebgha ta' Dicembru 2000 fil-konfront tal-imputat odjern esibita a fol 24 tal-atti odjerni markata bhala dokument CJ.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn ta' Lulju 2002 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** kif jirrizulta a fol 5 et seq tal-atti odjerni fejn qal li fl-ewwel ta' Marzu 2002, kien mar l-Ghassa certu Joachim Martin jaghmel rapport li kienu nsterqulu erbgha *tyres* u *gear knob* mill-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KAB 861 li kienet ipparkjata fi Triq il-Villeggjatura, San Pawl il-Bahar. Illi l-istess Joachim Martin rega' rritorna l-Ghassa nhar l-wiehed u tletin ta' Marzu 2002 u stqarr li kien ra l-istess erbgha roti bir-rimmijiet b'kollox li haseb li huma tieghu, fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAP 698 li kienet ipparkjata fi Triq l-Erba' Mwiezen, San Pawl il-Bahar. Il-Pulizija ghalhekk marret tinvestiga dan r-rapport, sabet l-vettura miftuha u haduha l-Ghassa. Aktar tard mar l-imputat u ghamel rapport li ma kienx sab l-vettura tieghu. Huwa gie nterrogat u dakinhar stess irrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu fis-serq tal-erbgha roti ghalkemm m'ammettix li seraq l-*gear knob*.

Illi l-istqarrija datata wiehed u tletin ta' Marzu 2003 giet esibita a fol 8 tal-atti u markata bhala dokument JM 1. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat ammetta s-serq ta' l-erbgha roti li kellu fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni JAP 698 minn hdejn il-knisja ta' hdejn l-Gillieru xi tlett xhur qabel ma rrilaxxja din l-istess stqarrija. Il-Prosekuzzjoni staqsitu jekk setghax seraqhom lejn l-ahhar ta' Frar minn triq faccata Azzopardi Fisheries u l-istess imputat irrisponda fl-affermattiv. Zied jghid li fil-fatt seraqhom bil-lejl ta' bejn t-tnejn w t-tlieta.

Illi ghalhekk a bazi ta' din l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata maghmula mill-imputat fl-istqarrija tieghu liema versjoni tal-fatti ma gietx michad minnu f'dawn l-proceduri, il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib lil imputat hati tl-akkuza ta' serq aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Illi dwar l-aggravju tal-valur, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Joachim Martin nhar s-sittax ta' Settembru 2002 [fol 19] fejn qal li r-rimmijiet bl-erbgha roti ghandhom valur ta' mija hamsa w sebghin lira maltin u ghalhekk talli aggravju jirrizulta wkoll, filwaqt li l-aggravju tal-mezz, dan jirrizulta wkoll ghaliex ma hemmx dubbju li sabiex inqalghu r-roti minn mal-vettura ta' Joachim Martin, intuzaw xi lievi. Ghalhekk l-akkuza principali kif moghtija mill-Prosekuzzjoni ta' serq bl-aggrvji fuq indikati tirrizulta pienament ppruvata.

Il-Qorti tinnota li fit-tmienja ta' Gunju 2004, l-imputat fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu, war li nghata zmien xieraq kien irregistra ammissjoni ghal akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Il-Qorti, pero mhux qed tistrieh fuq din l-ammissjoni peress li din giet registrata fl-atti [fol 44] qabel ma l-imputat ta l-kunsens tieghu biex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja. Skond t-tieni ezami li sar nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2004 [fol 68], meta l-Prosekuzzjoni kienet giet ezentata milli tipproduci x-

xhieda kollha li kienu diga nstemghu u li tali xhieda ghandha titqies li nghataw wara li sar l-ezami ahhari tal-imputat.

Dwar l-akkuza li l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt li huwa kien qieghed taht ordni ta' Probation, din tirrizulta wkoll ghaliex il-Prosekuzzjoni esibit kemm is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija v Gary Wingfield datata sebgha ta' Dicembru 2000 kif wkoll ressqet lil Ispettur Josric Mifsud sabiex jikkonferma l-identita tal-imputat fil-konfront ta' din l-istess sentenza. Illi f'din is-sentenza l-imputat kien nstab hati ta' pussess tad-droga Eroina w inghata probation order ghal perjodu ta' sentejn, liema perjodu kien jiskadi fis-sebgha ta' Dicembru 2002 u cioe ghaxar xhur wara li gew kommessi r-reati odjerni.
Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 9 tal-atti processwali w immarkata bhala dokument JM 2, u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghandu biss reat wiehed registrat fuqha u cioe dik li tikkoncerna pussess ta' droga.

Illi semghet wkoll il Josette Camilleri li hi rappresentant tal-Agenzija Sedqa tghid li l-imputat jinsab ghaddej programm u qed imur ghal counselling ghand David Azzopardi u mill-*feedback* li ghandha jirrizulta li l-imputat qed jaghmel progress ghalkemm hija tal-fehma li l-imputat ghandu bzonn minn jiggwidah fit-triq t-tajba bil-ghan li jibqa 'l boghod mill-hajja kriminali kif effettivament jinsab fil-present.

**Ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 263, 267, 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat GARY WINGFIELD hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal amenda ta' hamsin lira maltin dwar l-akkuza tal-ksur tal-Probation Order u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum bil-ghan li jzomm 'l**

**boghod mill-hajja kriminali u ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.**

**Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur taas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju f'dan l-kaz sabiex jsegwi lil imputat probation tul l-perjodu ordnat minnha ta' tlett snin.**

**Tordna wkoll lill-imputat probationer sabiex jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation nominat f'kull zmien ta' dan l-ordni u jaghmel dak mitlub minnu mill-istess Ufficjal tal-Probation u dan fl-interess tieghu.**

**L-Ufficjal tal-Probation nominat ghandu jzomm kuntatt mal-Qorti u jirrelata darba kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**

**Fl-ahhar nett il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer jhallas l-amenda inflitta fuqu llum b'din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar liri ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat u l-konsegwenzi jekk jonqos li josservaha li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------